2024/2586

1.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2586

tat-23 ta' Settembru 2024

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-16-il Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni aderiet mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (il-COTIF) skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE ([1]) u l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni, (il-"Ftehim dwar l-Adeżjoni għall-Konvenzjoni").

(2) L-Assemblea Ġenerali tal-OTIF ġiet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 13, il-paragrafu 1, l-ittra a) tal-COTIF (l-"Assemblea Ġenerali"). Skont l-Artikolu 14 il-paragrafu 2, tal-COTIF, l-Assemblea Ġenerali, fost l-oħrajn, tistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tagħha, teleġġi s-Segretarju-Ġenerali, tiddeċiedi, jekk ikun meħtieġ, dwar l-istabbiliment temporanju ta' kumitati oħra għal kompiti speċifiċi, u tieħu deċiżjonijiet dwar proposti li għandhom l-għan li jimmodifikaw il-COTIF.

(3) L-Unjoni tipparteċipa fl-Assemblea Ġenerali f'konformità mal-COTIF, ir-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali, u l-Ftehim dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni.

(4) Fis-16-il sessjoni tagħha li għandha ssir mill-25 sas-26 ta' Settembru 2024, l-Assemblea Ġenerali mistennija tieħu għadd ta' deċiżjonijiet. Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, peress li dawk id-deċiżjonijiet jew ser ikollhom impatt fuq il-funzjonament tal-OTIF u fuq l-iżvilupp tal-istrateġija tal-organizzazzjoni, jew ser iwasslu għall-adozzjoni ta' atti li huma vinkolanti skont id-dritt internazzjonali u li jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u b'hekk jikkostitwixxu "atti li jkollhom effetti legali" għall-finijiet tal-Artikolu 218(9) TFUE.

(5) B'mod partikolari, fil-punt 5 tal-aġenda, is-16-il sessjoni tal-Assemblea Ġenerali hija mistennija tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (minn hawn 'il quddiem iċ-"Ċina") biex issir Membru Assoċjat tal-OTIF. Tabilħaqq, f'konformità mal-Artikolu 37, il-paragrafi 2 sa 5 tal-COTIF, il-Kummissjoni ressqet oġġezzjoni għal dik l-applikazzjoni f'isem l-Unjoni, bl-għadd ta' voti ugwali għal dawk tal-Membri tagħha li huma wkoll Stati Membri tal-OTIF. Għaldaqstant, kif imħabbar mis-Segretarju-Ġenerali tal-OTIF fil-proposta tiegħu tat-28 ta' Awwissu 2024, l-applikazzjoni taċ-Ċina ser tiġi ppreżentata lis-16-il Assemblea Ġenerali għal deċiżjoni, f'konformità mal-Artikolu 37, il-paragrafu 4 tal-COTIF. Fid-19 ta' Awwissu 2024, bi tweġiba għall-oġġezzjoni mressqa mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li huma membri tal-OTIF id-dipartiment tar-relazzjonijiet esterni tal-Amministrazzjoni Ferrovjarja Nazzjonali taċ-Ċina pprovda spjegazzjonijiet u ġustifikazzjoni addizzjonali għat-talba tiegħu għal sħubija assoċjata fl-OTIF. Madankollu, xorta jkunu meħtieġa aktar elementi ta' informazzjoni sabiex tiġi fformulata l-pożizzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, fis-16-il Assemblea Ġenerali, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li tiddifferixxi d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni taċ-Ċina għall-adeżjoni bħala Membru Assoċjat tal-OTIF għal sessjoni sussegwenti tal-Assemblea Ġenerali tal-OTIF, u li tagħti struzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tal-OTIF biex jorganizza konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati dwar l-applikazzjoni taċ-Ċina.

(6) Taħt il-punt 7 tal-aġenda, l-adozzjoni tal-istrateġija fit-tul għall-OTIF tista' tinfluwenza l-politika u l-ħidma sostantiva tal-OTIF, u t-teħid ta' deċiżjonijiet fl-OTIF. L-istrateġija fit-tul riveduta proposta kif ippreżentata lill-Assemblea Ġenerali ġiet diskussa u maqbula fis-sessjonijiet rilevanti tal-Kumitat ad hoc dwar l-Affarijiet Legali u l-Kooperazzjoni Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem il-"Kumitat ad hoc"), f'konformità mal-pożizzjonijiet tal-Unjoni li ġew stabbiliti rigward dawn il-kwistjonijiet. Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li tappoġġa l-adozzjoni ta' dik l-istrateġija fit-tul riveduta.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (ĠU L 51, 23.2.2013, p. 1).

(7) Taħt il-punt 13 tal-aġenda, l-Assemblea Ġenerali ser tintalab tapprova l-"Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri għall-modifika tal-COTIF", tirrakkomanda li dawn jiġu segwiti fit-tħejjija għall-modifiki tal-COTIF fil-limiti tal-kompetenza tal-Assemblea Ġenerali, u tagħti struzzjonijiet lill-Kumitat ad hoc biex jimmonitorja u jivvaluta l-applikazzjoni tal-linji gwida u jirrevedihom kif meħtieġ. Filwaqt li dawk il-Linji Gwida waħedhom mhumiex vinkolanti, jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-proċeduri għall-modifika tal-COTIF. Il-Linji Gwida kif ippreżentati lill-Assemblea Ġenerali ġew diskussi u maqbula fis-sessjonijiet rilevanti tal-Kumitat ad hoc, f'konformità mal-pożizzjonijiet tal-Unjoni li ġew stabbiliti rigward dawn il-kwistjonijiet. Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li tapprova dawk il-Linji Gwida.

(8) Taħt il-punt 13 tal-aġenda, l-Assemblea Ġenerali ser tintalab tapprova l-prinċipji regolatorji bażiċi, kif stipulati fir-rapport tal-Kumitat ad hoc u kif jirriflettu l-pożizzjoni tal-Unjoni kif stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2582 ([2]), sabiex jiggwidaw lill-Kumitat ad hoc u lill-Kumitat tar-Reviżjoni fit-tħejjija għall-modifika tal-COTIF u għan-noti korrispondenti fir-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-COTIF, bl-għan li jiġi introdott obbligu li l-Istati Membri tal-OTIF li jirrispettaw li ma jdgħajfux l-integrità fiżika u funzjonali tal-infrastruttura ferrovjarja ta' Stati Membri oħra tal-OTIF, kif ukoll dispożizzjonijiet sostantivi u proċedurali dwar sanzjonijiet biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi skont il-COTIF li huma essenzjali biex jintlaħaq l-għan tal-OTIF. Dawn il-prinċipji regolatorji bażiċi jikkonċernaw l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-organizzazzjoni, li għaliha l-Unjoni hija Parti Kontraenti, u jistgħu jwasslu biex jiġu żviluppati proposti sabiex tiġi emendata l-COTIF; din il-kwistjoni topika tikkonċerna l-ambitu kollu tal-attivitajiet tal-OTIF, inkluż l-oqsma li għalihom l-UE hija esklużivament kompetenti fir-rigward tal-Istati Membri tal-Unjoni. Il-proposti relatati biex tiġi mmodifikata l-COTIF ser ikunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali u ser ikunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti kemm il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kif ukoll l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-COTIF. Il-prinċipji regolatorji bażiċi kif ippreżentati lill-Assemblea Ġenerali ġew diskussi u maqbula fis-sessjonijiet rilevanti tal-Kumitat ad hoc, f'konformità mal-pożizzjonijiet tal-Unjoni li ġew stabbiliti rigward dawn il-kwistjonijiet. Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li tapprova dawn il-prinċipji regolatorji bażiċi.

(9) Taħt il-punt 13 tal-aġenda, l-Assemblea Ġenerali ser tintalab tapprova r-"Rakkomandazzjoni dwar l-użu ta' firem elettroniċi fil-komunikazzjonijiet uffiċjali bejn l-OTIF u l-membri tagħha". Kif speċifikat fil-pożizzjoni tal-Unjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2582, l-iżvilupp tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jirrikjedi ċerti aġġornamenti amministrattivi biex jiġi żgurat l-użu sikur u affidabbli tal-firem elettroniċi fil-komunikazzjonijiet uffiċjali bejn l-OTIF u l-membri tagħha. Huwa importanti li tiġi appoġġata t-tħejjija ta' rakkomandazzjoni f'dak ir-rigward, li tqis il-livelli differenti ta' esperjenza tal-membri tal-OTIF u li tkun konformi mar-regoli stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ([3]) Filwaqt li din ir-Rakkomandazzjoni waħedha mhijiex vinkolanti, ser ikollha implikazzjonijiet għal-"Linji Gwida dwar l-atti tat-trattati skont il-COTIF" kif ukoll fuq in-noti ta' spjegazzjoni tar-"Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali" għar-"Regolament dwar l-elezzjoni u l-kundizzjonijiet tas-servizz tas-Segretarju-Ġenerali" u għad-"Deċiżjoni dwar ir-rappreżentanti permanenti", li jeħtieġ li kollha jiġu emendati kif xieraq. Għalhekk, ir-Rakkomandazzjoni tista' tinfluwenza b'mod determinanti l-proċeduri għall-modifika tal-COTIF. Il-proposti għal deċiżjonijiet ppreżentati lill-Assemblea Ġenerali ġew diskussi u maqbula fis-sessjonijiet rilevanti tal-Kumitat ad hoc, f'konformità mal-pożizzjonijiet tal-Unjoni li ġew stabbiliti rigward dawn il-kwistjonijiet. Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li tapprova din ir-rakkomandazzjoni.

(10) Taħt il-punt 13 tal-aġenda, l-Assemblea Ġenerali ser tintalab tadotta d-"Deċiżjoni dwar is-simboli, l-isem u l-abbrevjazzjoni tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija" u d-"Deċiżjoni dwar id-drittijiet tal-awtur u l-aċċess miftuħ", u tapprova għal kull deċiżjoni n-"Noti ta' Spjegazzjoni" relatati. Kif speċifikat fil-pożizzjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2582, politika mfassla biex tiffaċilita l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni u tad-dokumenti li jkunu proprjetà tal-OTIF jenħtieġ li titfassal f'konformità mar-regoli stipulati fid-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE. ([5]) Għalhekk, l-atti previsti f'dan il-qasam jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Il-proposti għal deċiżjonijiet ppreżentati lill-Assemblea Ġenerali ġew diskussi u maqbula fis-sessjonijiet rilevanti tal-Kumitat ad hoc, f'konformità mal-pożizzjonijiet tal-Unjoni li ġew stabbiliti rigward dawn il-kwistjonijiet. Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li tadotta dawk id-Deċiżjonijiet u li tapprova n-Noti ta' Spjegazzjoni relatati.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2582 tat-8 ta' Novembru 2023 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-ħames sessjoni tal-Kumitat ad hoc għall-Affarijiet Legali u l-Kooperazzjoni Internazzjonali tal-OTIF (ĠU L, 2023/2582, 16.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2582/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

(11) Taħt il-punti 14 u 15 tal-aġenda, id-deċiżjonijiet previsti tal-Assemblea Ġenerali jikkonċernaw l-adozzjoni ta' verżjonijiet riveduti, rispettivament, tar-Regoli ta' Proċedura tagħha u tar-Regolament dwar l-elezzjoni u l-kundizzjonijiet tas-servizz tas-Segretarju -Ġenerali, kif ukoll dwar l-approvazzjoni tan-Noti ta' Spjegazzjoni relatati ma' dawk l-atti, kollha adattati f'konformità mal-linji gwida l-ġodda dwar l-użu ta' lingwaġġ li juża ġens newtrali. In-noti ta' spjegazzjoni rispettivi ser jinkorporaw ukoll il-proposta tal-Kumitat ad hoc fir-"Rakkomandazzjoni dwar l-użu ta' firem elettroniċi fil-komunikazzjonijiet uffiċjali bejn l-OTIF u l-membri tagħha". Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali u r-Regolament dwar l-elezzjoni u l-kundizzjonijiet tas-servizz tas-Segretarju-Ġenerali huma atti legalment vinkolanti skont il-COTIF, u n-noti ta' spjegazzjoni rispettivi tagħhom jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-COTIF. Il-verżjonijiet riveduti tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali u r-Regolament dwar l-elezzjoni u l-kundizzjonijiet tas-servizz tas-Segretarju-Ġenerali, u n-Noti ta' Spjegazzjoni relatati, ġew diskussi u maqbula fis-sessjonijiet rilevanti tal-Kumitat ad hoc, f'konformità mal-pożizzjonijiet tal-Unjoni li ġew stabbiliti fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet. Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-adozzjoni ta' dawn l-emendi.

(12) Id-deċiżjonijiet proposti huma konformi mal-liġi u mal-objettivi strateġiċi tal-Unjoni, u għalhekk jenħtieġ li jiġu appoġġati mill-Unjoni.

(13) F'konformità mal-Anness III tad-Deċiżjoni 2013/103/UE, it-tħejjija għal-laqgħat tal-OTIF testendi għall-koordinazzjoni fuq il-post. Għalhekk, jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet żgħar għal din il-pożizzjoni tal-Unjoni matul il-koordinazzjoni fuq il-post mingħajr il-ħtieġa ta' deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill, b'mod partikolari sabiex tkun tista' tirreaġixxi għal proposti u żviluppi li ma tqisux fi żmien din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-16-il sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) tinsab fl-Anness.

2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fl-Assemblea Ġenerali jistgħu jaqblu dwar bidliet żgħar fil-pożizzjoni li tinsab fl-Anness mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

FELDMAN Z.

ANNESS

1. **INTRODUZZJONi**

Is-16-il sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) ser issir fil-25 u fis-26 ta' Settembru 2024. Id-dokumenti tal-laqgħat huma disponibbli fuq is-sit web tal-OTIF (bil-kredenzjali) f'dan il-link: https://extranet.otif.org/en/?page_id=256

2. **POŻIZZJONI TAL-UNJONI DWAR ĊERTI PUNTI FL-AĠENDA**

Punt 5 fl-aġenda — Status tal-Konvenzjoni u tas-sħubija fl-OTIF

Dokument(i):	SG-24055-AG16/5
Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:	Unjoni
Pożizzjoni:	Rigward l-applikazzjoni biex iċ-Ċina ssir Membru Assoċjat tal-OTIF: — Il-Kummissjoni Ewropea ressqet oġġezzjoni f'isem l-Unjoni għall-applikazzjoni taċ-Ċina, b'numru ta' voti ugwali għal dawk tal-Membri tagħha li huma wkoll Stati Membri tal-OTIF. — Fid-19 ta' Awwissu 2024, bi tweġiba għall-oġġezzjoni mressqa mill-Kummissjoni Ewropea f'isem l-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li huma membri tal-OTIF, id-dipartiment tar-relazzjonijiet esterni tal-Amministrazzjoni Ferrovjarja Nazzjonali taċ-Ċina pprovda spjegazzjonijiet u ġustifikazzjoni addizzjonali għat-talba tagħha għal sħubija assoċjata fl-OTIF. Madankollu, l-Unjoni tkun teħtieġ aktar elementi ta' informazzjoni sabiex tifformula l-pożizzjoni tagħha. Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Unjoni għas-16-il Assemblea Ġenerali hija li tiddifferixxi l-votazzjoni dwar l-applikazzjoni taċ-Ċina biex issir Membru Assoċjat tal-OTIF għal sessjoni sussegwenti tal-Assemblea Ġenerali tal-OTIF, u li tagħti struzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tal-OTIF biex jorganizza konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati dwar l-applikazzjoni taċ-Ċina.
Kummenti:	F'konformità mal-Artikolu 37(2) sa (5) tal-COTIF, il-Kummissjoni Ewropea ressqet oġġezzjoni f'isem l-Unjoni sal-iskadenza tas-26 ta' Lulju 2024, għall-applikazzjoni biex iċ-Ċina ssir Membru Assoċjat tal-OTIF u b'numru ta' voti ugwali għal dawk tal-Membri tagħha li huma wkoll Stati Membri tal-OTIF. Fit-28 ta' Awwissu 2024, is-Segretarju Ġenerali tal-OTIF ippreżenta għal deċiżjoni proposta lill-Assemblea Ġenerali rigward l-applikazzjoni taċ-Ċina għall-adeżjoni bħala Membru Assoċjat, skont l-Artikolu 37(4) tal-COTIF.

Punt 7 fl-aġenda — Strateġija fit-tul tal-OTIF

Dokument(i):	SG-24024-AG 16/7
Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:	Unjoni
Pożizzjoni:	Tissokta l-appoġġ għall-inizjattiva tas-Segretarju Ġenerali biex tiġi żviluppata strateġija fit-tul għall-OTIF, u tappoġġa l-adozzjoni tal-istrateġija fit-tul kif ippreżentata mis-Segretarju Ġenerali fid-dokument SG-24024-AG 16/7.
Kummenti:	L-istrateġija fit-tul riveduta għall-OTIF ippreżentata lis-16-il Assemblea Ġenerali tindirizza b'mod adegwat il-kummenti li saru mill-Unjoni Ewropea fis-6 sessjoni tal-Kumitat ad hoc dwar l-Affarijiet Legali u l-Kooperazzjoni Internazzjonali tal-OTIF (Vjenna, 16-18 ta' April 2024).

Punt 13 fl-aġenda — Rapport tal-Kumitat ad hoc dwar l-Affarijiet Legali u l-Kooperazzjoni Internazzjonali

Dokument(i):	SG-24028-AG 16/13 — Distribuzzjoni ristretta
Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:	Stati Membri
Pożizzjoni:	Appoġġ għall-adozzjoni ta' dawn il-proposti għal deċiżjoni, annessi mad-dokument SG-24029-AG16/13: — l-approvazzjoni tal-"Linji Gwida dwar l-applikazzjoni ta' proċeduri għall-modifika tal-COTIF", filwaqt li jiġi rrakkomandat li dawn jiġu segwiti fit-tħejjija tal-modifiki għall-COTIF fil-kompetenza tal-Assemblea Ġenerali, u jingħataw struzzjonijiet lill-Kumitat ad hoc biex jimmonitorja u jivvaluta l-applikazzjoni tal-linji gwida u jirrevedihom kif meħtieġ; — l-approvazzjoni tal-prinċipji regolatorji bażiċi kif stipulati fir-rapport tal-Kumitat ad hoc u li jirriflettu l-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2582, sabiex jiggwidaw lill-Kumitat ad hoc u lill-Kumitat tar-Reviżjoni matul it-tħejjija għall-modifika tal-COTIF u għan-noti korrispondenti fir-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-COTIF, bl-għan li jiġi introdott obbligu li l-Istati Membri tal-OTIF jirrispettaw [mhux jimminaw] l-integrità fiżika u funzjonali tal-infrastruttura ferrovjarja ta' Stati Membri oħra tal-OTIF, kif ukoll dispożizzjonijiet sostantivi u proċedurali dwar is-sanzjonijiet biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi skont il-COTIF li huma essenzjali biex jintlaħaq l-għan tal-OTIF; — l-approvazzjoni tar-"Rakkomandazzjoni dwar l-użu ta' firem elettroniċi fil-komunikazzjonijiet uffiċjali bejn l-OTIF u l-membri tagħha"; — l-adozzjoni tad-"Deċiżjoni dwar is-simboli, l-isem u l-abbrevjazzjoni tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija" u l-approvazzjoni tan-"Noti ta' Spjegazzjoni" relatati; — l-adozzjoni tad-"Deċiżjoni dwar id-drittijiet tal-awtur u l-aċċess miftuħ" u l-approvazzjoni tan-"Noti ta' Spjegazzjoni" relatati.
Kummenti:	Il-proposti ta' hawn fuq ippreżentati lis-16-il Assemblea Ġenerali għal deċiżjoni, kif stipulati fir-rapport tal-Kumitat ad hoc u annessi mad-dokument SG-24029-AG16/13, ġew diskussi, emendati u maqbula fis-sessjonijiet rilevanti tal-Kumitat ad hoc, f'konformità mal-pożizzjonijiet tal-Unjoni li ġew stabbiliti f'dawk l-okkażjonijiet.

Punt 14 fl-aġenda — Modifika tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali u noti li jakkumpanjawha

Dokument(i):	SG-24029-AG 16/14
Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:	Stati Membri
Pożizzjoni:	Appoġġ għall-adozzjoni tal-proposti għal deċiżjoni annessi mad-dokument SG-24029-AG16/14, jiġifieri: — emenda tar-"Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali" u l-adozzjoni tal-verżjoni riveduta kif xieraq; — emenda tan-"Noti ta' Spjegazzjoni dwar ir-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali (l-Artikoli 4 sa 7, 10 u 22)" u l-approvazzjoni tal-verżjoni riveduta kif xieraq.
Kummenti:	Il-verżjonijiet riveduti tar-"Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali" u tan-"Noti ta' Spjegazzjoni dwar ir-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali (l-Artikoli 4 sa 7, 10 u 22)" huma adattati f'konformità mal-"Linji Gwida dwar l-użu ta' lingwaġġ li juża ġens newtrali". In-noti ta' spjegazzjoni jinkorporaw ukoll il-proposta tal-Kumitat ad hoc fir-"Rakkomandazzjoni dwar l-użu ta' firem elettroniċi fil-komunikazzjonijiet uffiċjali bejn l-OTIF u l-membri tagħha". Il-proposti jinkludu wkoll xi korrezzjonijiet purament editorjali. Il-proposti ppreżentati lis-16-il Assemblea Ġenerali għal deċiżjoni ġew diskussi, emendati u maqbula fis-sessjonijiet rilevanti tal-Kumitat ad hoc, f'konformità mal-pożizzjonijiet tal-Unjoni li ġew stabbiliti f'dawk l-okkażjonijiet.

Punt 15 fl-aġenda — Reviżjoni tar-regoli dwar l-elezzjoni u l-kundizzjonijiet tas-servizz tas-Segretarju Ġenerali

Dokument(i):	SG-24032-AG 16/15
Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:	Stati Membri
Pożizzjoni:	Appoġġ għall-adozzjoni tal-proposti għal deċiżjoni annessi mad-dokument SG-24029-AG16/15, jiġifieri: — emenda tar-"Regolament dwar l-elezzjoni u l-kundizzjonijiet tas-servizz tas-Segretarju Ġenerali" u l-adozzjoni tal-verżjoni riveduta kif xieraq; — emenda tan-"Noti ta' Spjegazzjoni dwar ir-regolament dwar l-elezzjoni u l-kundizzjonijiet tas-servizz tas-Segretarju Ġenerali" u l-approvazzjoni tal-verżjoni riveduta kif xieraq.
Kummenti:	Il-verżjonijiet riveduti tar-"Regolament dwar l-elezzjoni u l-kundizzjonijiet tas-servizz tas-Segretarju Ġenerali" u tan-"Noti ta' Spjegazzjoni dwar ir-regolament dwar l-elezzjoni u l-kundizzjonijiet tas-servizz tas-Segretarju Ġenerali" huma adattati f'konformità mal-"Linji Gwida dwar l-użu ta' lingwaġġ li juża ġens newtrali". In-noti ta' spjegazzjoni jinkorporaw ukoll il-proposta tal-Kumitat ad hoc fir-"Rakkomandazzjoni dwar l-użu ta' firem elettroniċi fil-komunikazzjonijiet uffiċjali bejn l-OTIF u l-membri tagħha". Il-proposti jinkludu wkoll xi korrezzjonijiet purament editorjali. Il-proposti ppreżentati lis-16-il Assemblea Ġenerali għal deċiżjoni ġew diskussi, emendati u maqbula fis-sessjonijiet rilevanti tal-Kumitat ad hoc, f'konformità mal-pożizzjonijiet tal-Unjoni li ġew stabbiliti f'dawk l-okkażjonijiet.

Punt 20 fl-aġenda – Adozzjoni ta' deċiżjonijiet, ta' mandati, ta' rakkomandazzjonijiet u ta' dokumenti oħra tal-Assemblea Ġenerali (dokument finali)

Dokument(i):	Xejn
Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:	Stati Membri
Pożizzjoni:	Kif speċifikat fil-punti rilevanti fl-aġenda.